## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2016

Appell Nru: 449/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Giuseppe Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Giuseppe Scicluna, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 268545M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn Jannar 1999 u April 2005 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tas-socjeta *Tyre Services Limited*, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe ma hallasx lid-Dipartiment tal-

VAT is-somma totali ta' Eur 39,031.76, ai termini ta' l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Ottubru, 2014, li permezz taghha wara li laqghet l-eccezzjoni preliminari tad-difizia ta' ne bis in idem lliberat lill-imputat appellat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-11 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tal-atti processwali jemergi illi l-appellant kien mixli talli bejn Jannar 1999 u April 2005 approprija indebitament s-somma ta' €39,031.76 rapprezentanta ammont ta' VAT li kellu jhallas lid-Dipartiment tal-VAT. Wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, l-appellat ressaq b'success l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* fuq il-premessa illi huwa gia kien gudikat fuq l-istess fatti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali fit-22 ta' Settembru 2011 liema sentenza ghaddiet in gudikat b'sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Settembru 2012;

L-aggravju tal-Avukat Generali primarjament jitratta dwar li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fid-decizzjoni taghha meta laqghet l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, peress illi z-zewg akkuzi, igifieri dik mertu tal-kawza gia deciza u dik odjerna huma ben distinti minn xulxin. Tajjeb ghalhekk illi qabel xejn ikunu elenkati l-elementi li palezament jikkostitwixxu d-difiza b'success tal-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*. Skond gurisprudenza kostanti in rigward, sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni preventivament sancita sia fil-Kostituzzjoni ta' Malta ex artikolu 39(9) kif ukoll fil-Kodici Kriminali ex artikolu 527, irid jirrizulta li z-zewg akkuzi jirrigwardaw l-istess persuna u l-istess fatti. *"L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom gia ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkroporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza"* – **Pulizija vs George Azzopardi 23.1.2014**. Isegwi ghalhekk issa li jkunu ezaminati dawn il-kriterji fid-dawl tal-fatti mertu ta' dan l-appell;

L-appellat kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Settembru 2011 talli in rapprezentanza ta' Tyre Services Limited naqas milli jghaddi d-denunzji flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodu ta' taxxa li ntemmu fil-31 ta' Jannar, 2001 u mill-31 ta' Lulju 2011 sat-30 t'April 2003. Din is-sentenza ghaddiet in gudikat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Settembru 2012. Fil-kawza mertu ta' dan l-appell, l-appellat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bl-akkuza ta' misapproprjazzjoni indebita billi dawwar bi profitt ghalih u ghal persuna ohra, l-ammont ta' €39,031.76 ghad-detriment tad-Dipartiment tal-VAT u dan fil-perjodu bejn Jannar 1999 u April 2005. Issa, ghad illi jista' jiftiehem illi l-akkuza ta' nuqqas ta' ghoti ta' denunzja tista' titqies li hija akkuza distinta minn dik ta' misapproprjazzjoni, izda dwar dan japplika l-

insenjament gustament imsemmi mill-appellat fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Ewwel Qorti: *The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first"* **Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea 15.6.1918**. Ma' dan, din l-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-insenjament minn dak ritenut fis-segwenti sentenzi: **Il-Pulizija vs Joseph Cini App Krim 5.7.1996; Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin – PA (Kost) 26.3.2009 u Il-Pulizija vs Alfred Fenech App Krim 26.6.2014.** Mill-atti processwali jemergi illi l-appellat kien dahhal id-denunzji tal-VAT fil-hin jew anke jekk tardivament ghal-kull perjodu li kien hekk dovut jaghmel. Fuq dawn id-denunzji kien indika l-ammonti li hu kellu jhallas bhala VAT, ammont li hu kien gabar f'isem id-Dipartiment tal-VAT tas-servizzi minnu prestati skond l-Kapitolu 406. Fit-termini tal-istess Kapitolu, izda, id-denunzja ma titqiesx li tkun saret jekk flimkien maghha ma jkunx sar il-pagament dovut bhala VAT indikat mill-istess persuna taxxabbli. L-appellat kien instab hati ta' dan u kien ordnat jirregistra d-denunzji tieghu flimkien mal-hlas fi zmien u fuq penali fin-nuqqas. Wara li l-appellat naqas milli jaghmel dan, id-Dipartiment tal-Vat talab lill-Pulizija tipprocedi kontra l-appellat bl-akkuza ta' misapproprjazzjoni. Il-prosekuzzjoni ressqet bhala prova fil-kawza mertu ta' dan l-appell l-istess denunzji pprezentati mill-appellat lid-Dipartiment tal-VAT li kienu jinkorporaw dikjarazzjoni mill-appellat li hu kellu jaghti dak l-ammont minnu indikat. Dawk id-denunzji gia kienu f'idejn id-dipartiment qabel ma ressqet lill-appellat fl-ewwel kawza liema denunzji kienu jiffurmaw il-prova ghat-tieni kawza. Ghalhekk isegwi illi l-provi fl-ewwel akkuza kienu jiswew ukoll ghat-tieni akkuza, dik mertu tal-appell odjern;

Irid jinghad ukoll illi fl-appell tieghu l-Avukat Generali jghid illi anke jekk din il-Qorti ssib li l-appellat ghandu ragun, irid jittiehed in konsiderazzjoni li

parti mill-akkuza odjerna tirreferi ghal-flus dovuti lid-Dipartiment tal-VAT li dwaru l-appellat qatt ma tressaq dwarhom u li ghalhekk, se mai, l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* tista' tirnexxi biss dwar parti mill-akkuza. Dwar dan irid jinghad illi l-akkuza in dizamina hija dwar ammont wiehed allegatament dovut fil-kors tal-perjodu bejn Jannar 1999 u April 2005. L-appellat jghid li d-decizzjoni tal-prosekuzzjoni li tinkorpora l-ammont f'akkuza wahda kien zball minn naha taghha u ma tistax issa tispezzetta l-gudizzju biex jinghad li parti mis-sentenza ghaddiet in gudikat u parti minnha le. Dwar dan l-appellat ghandu ragun ghaliex l-akkuza hija abbozzata b'tali mod li tixli lill-appellat li approprija indebitament somma ta' flus f'perjodu definit u kalkolat;

Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.